

## Dispożittiv

- (1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- (2) Ir-rikorrenti u l-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell huma huma kkundannati jibat l-ispejjeż tagħhom stess kif ukoll, kull waħda minnhom, in-nofs ta' dawk sostnuti mill-konvenut.

<sup>(1)</sup> ĠU C 9, 12.01.2013.

Appell ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2013 minn BG mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fis-17 ta' Lulju 2012 fil-Kawża F-54/11, BG vs L-Ombudsman

(Kawża T-406/12 P)

(2013/C 156/82)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Partijiet

Appellant: BG (Strasbourg, Franzja) (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)

Parti l-oħra fil-proċedura: L-Ombudsman Ewropew

## Talbiet tal-appellanti

- tannulla s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea tas-17 ta' Lulju 2012 fil-Kawża F-54/11;
- konsegwentement, tagħti lir-rikorrenti l-benefiċċju tat-talbiet tagħha fl-ewwel istanza u, b'hekk
- prinċipalment, ir-reintegrazzjoni tagħha, b'mod retroattiv għad-data meta daħlet fis-seħħ id-deċiżjoni ta' revoka, fil-pożizzjoni tagħha bħala amministratur fil-grad A5 skala 2, u l-ħlas tad-drittijiet finanzjarji li huma dovuti lilha fuq dan il-perijodu kollu, flimkien mal-interessi moratorji bir-rata tal-BĊE miżjudha b'żewġ punti;
- sussidjarjament, l-għoti tas-somma korrispondenti għar-remunerazzjoni li kienet tirċievi mid-data meta daħlet fis-seħħ irrevoka tagħha f'Awwissu 2010 sax-xahar meta tikseb l-ebda tal-irtirar, f'Lulju 2040, u r-regolarizzazzjoni rispettiva tad-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrenti;
- f-kull każ, l-għoti tas-somma ta' Eur 65 000 għad-dannu morali subit;
- tikkundanna lill-parti l-oħra fil-kawża għall-ispejjeż;

- tikkundanna lill-appellat għall-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi.

## Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellant tintvoka erba' aggravji.

- (1) L-ewwel aggravju bbażat fuq żnaturament tal-proċess matul l-istħarriġ imwettaq mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-osservanza tal-proċedura dixxiplinari u b'mod partikolari l-ksur tal-Artikolu 25 tal-Annex IX tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, peress li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku interpreta b'mod żbaljat il-kunċett ta' "proċeduri kriminali" (dwar il-punti 68 et seq tas-sentenza appellata).
- (2) It-tieni aggravju bbażat fuq ksur tal-istħarriġ tal-obbligu ta' motivazzjoni u fuq żnaturament tal-proċess, peress li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonkluda li l-Ombudsman ma kisirx l-obbligu ta' motivazzjoni filwaqt li injora l-opinjoni tal-Bord Dixxiplinari (dwar il-punti 102 u 103 tas-sentenza appellata).
- (3) It-tielet aggravju bbażat fuq nuqqas ta' stħarriġ tal-iżball manifest ta' evalwazzjoni, fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità kif ukoll fuq żnaturament tal-proċess, peress li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonkluda li l-Ombudsman ma kisirx il-prinċipju ta' proporzjonalità meta impona fuq ir-rikorrenti l-iktar sanzjoni iebsa stabilita fir-Regolamenti tal-Persunal (dwar il-punti 115 sa 130 tas-sentenza appellata).
- (4) Ir-raba' aggravju bbażat fuq ksur tal-istħarriġ tal-osservanza tal-prinċipju ta' ugħwaljanza bejn irġiel u nisa u fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, peress li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ma eżaminax jekk l-istat tat-tqala tal-appellant, li miegħu huwa marbut l-aġir tiegħu, wassalx jew kienx jikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta kontra l-appellant (dwar il-punti 139 et seq tas-sentenza appellata).

## Rikors ippreżentat fl-20 ta' Marzu 2013 — Talanton vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-165/13)

(2013/C 156/83)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

## Partijiet

Rikorrenti: Talanton Anonimi Emporiki — Simvouleftiki-Ekpadeftiki Etairia Dianomon, Parochis Ipiresion Marketig kai Dioċiċiċi Epicheiriseon (Ateni, il-Greċċa) (rappreżentanti: M. Angelopoulos u K. Damis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea